MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1125/2012

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1379/12 fl-ismijiet:**

**(Sekwestrant) L-Avukat Adrian Delia detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 299369(M) bhala Mandatarju specjali ta' Giovanni Sidoti ta' nazzjonalita' taljana, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru AS0368168**

**vs**

**(Sekwestrat) European Insurance Group Limited (C35708)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta` Brian Tonna bhala stralcjarju ta' European Insurance Group Limited ("EIG") ,ipprezentat fis-7 ta' Novembru 2012 u li jaqra hekk:

*1. Fid-19 ta' Settembru 2012, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1379/12 kontra s-socjeta' rikorrenti, in kawtela ta' sorti ta' tlett mija u wiehed u tletin elf u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€331,030.22), imghax u spejjez rizervati, allegatament dovuti in segwitu ta' decizjoni ta' arbitragg Taljan datata 19 ta' Lulju 2012 liema decizjoni hija allegatament ezegwibbli fl-Italja.*

*2. B'effett mid-29 ta' Settembru 2011 Brian Tonna gie appuntat bhala stralcjarju ghall-fini tal-likwidazzjoni ta' affarijiet tas-socjeta' rikorrenti mill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") ai termini ta' l-artikolu 28(1)(f) ta' l-Att Dwar il-Kummerc ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403 tal-Ligijiet ta' Malta) (kopja tal-hatra ta' l-istralcjarju hija hawn annessa u mmarkata 'Dok.EIG1').*

*3. Is-socjeta' rikorrenti ppublikat avviz dwar l-istat ta' insolvenza taghha fi tlett gazzetti gurnalieri, cioe' fit-Times of Malta fil-21 ta'Settembru 2012, fin-Nazzjon fis-26 ta' Settembru 2012 u fl-Orizzont fit-2 t'Ottubru 2012, kif ukoll fuq is-sit elettroniku taghha (kopji ta' dawn l-avvizi huma hawn annessi u mmarakati bhala 'Dok.EIG2', 'Dok.EIG3', 'Dok.EIG4', u 'Dok.EIG5').*

*4. Ir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertaking)[1] (ir-"Regolamenti") jipprovdi li :*

*"Without prejudice to the provisions of articles 28[2], 41[3], and 42[4]of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act."*

*L-artikolu 222 tal-Kap.386 imbaghad jipprovdi illi meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, kull att jew mandat, kemm kawzjonarju kif ukoll ezekuttiv (barra minn*

---

[1] *Dawn ir-Regolamenti gew ippublikati fl-ilsein ingliz biss.*
[2] *Dan l-artikolu jittratta s-setgha ta' l-awtorita' kompetenti lit hares l-interss pubbliku.*
[3] *Danl-artikolu jitratta x-xoljiment u stralc ta' kumpanniji awtorizzati.*
[4] *Dan l-artikolu jitratta x-xoljiment u stralc ta' kumpanijji awtorizzati f'kummerc fit-tul.*

*mandat ta' inibizzjoni), mahrug jew migjub kontra kumpanijja wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, ikun null.*

*5. Ir-referenza ghad-dispozizzjonijijiet tal-Kap. 386 fir-regolament 10(2) isir minghajr distinzjoni dwar jekk id-dispozizzjonijiet applikabbli humiex dawk ghal stralc volontarju tal-membri, stralc volontarju tal-kredituri jew stralc mill-Qorti. Ladarba r-Regolamenti ma jaghmlux distinzjoni bejn id-dispozizzjonijiet applikabbli u s-socjeta' rikorrenti qieghda tigi stralcjata b'ordni ta' l-MFSA, is-socjeta' rikorrenti umilment tissottomentti li d-dispozizzjonijiet kollha tal-Kap.386 dwar l-insolvenza japplikaw ghal stralc ordnat mill-MFSA , b'dawk l-aggustamenti necessarji (mutatis mutandis). Ghaldaqstant hu sottomess li japplika l-artikolu 222 tal-Kap. 386, u dan abbazi tar-regolament 10(2) ikkwotat hawn fuq.*

*6. Huwa principju universali u bazilari tad-dritt fallimentari illi l-ebda kreditur ma jista' jottieni preferenza fuq il-kumplament tal-korp ta' kredituri meta persuna ma jkollhiex bizzejjed assi biex tissodisfa d-dejn kollu taghha. Dan il-principju – mgharuf bl-espressjoni bil-Latin par condicio creditorum – japplika kemm fil-kamp tal-falliment ta' negozjanti, u kif ukoll f'kaz ta' insolvenza ta' kumpannija. Hu dan il-principju li l-art. 222 tal-Kap 386 jimplimenta.*

*7. Ukoll b'applikazzjoni ta' dan il-principju kreditur hu prekluz, ai termini ta' l-artikolu 303 tal-Kap. 386 , milli jottjeni preferenza anki matul is-sitt xhur immedjatament qabel l-insolvenza fic-cirkustanzi hemm kontemplati.*

*8. Dawn l-artikoli huma intizi precizament sabiex jizguraw li f'certu kazijiet, fost ohrajn kazijiet t'insolvenza, jitharsu l-interessi tal-kredituri kollha minghajr ebda preferenza u/jew diskriminazzjoni, u cioe' biex jigi zgurat il-par condicio creditorum. Jekk ma jigix applikat dan il-principju, tramite l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.386, allura is-sekwestrant jista' potenzjalment jottieni*

*hlas qabel – u cioe' bi preferenza fuq – il-kumplament tal-korp tal-kredituri.*

*9. Fl-ambitu ta' stralc ta' socjeta' li hija insolventi, il-kredituri kollha tas-socjeta' ghandhom jigu trattati pari passu*[5]*. Jekk il-mandat de quo ma jigix revokat, is-sekwestrant ser jinghata preferenza ghad-detriment tal-kredituri l-ohra tas-socjeta' rikorrenti.*

*10. F'kawza recenti dwar talba ghal hlas migjuba kontra l-istess socjeta' rikorrenti, fl-ismijiet Avukat Mark Refalo bhla prokuratur ta' l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone v. European Insurance Group Limited* [6]*, din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, qalet is-segwenti:*

***"Din il-Qorti tqis li ma ghandhiex tintrabat mal-kliem 'ad letteram' tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 li fost affarijiet ohra hu mqieghed mal-provvediement ta' stralc ordnat mill-Qorti izda ghandha thares principalment ghal principju regolatur ta' kull stralc kemm volontarju u kemm koatt bhal ma hu dan il-kaz cioe lil-iskop tieghu hu li jingabru l-assi kollha, jithallsu d-djun u jekk jibqa' xi haga titqassam fost l-azzjonisti. L-iskop principali li jingabru l-assi hu sabiex l-istralcjarju, fil-fazi li nbena procedura ta' stralc, ikollu f'idejh il-kontroll tal-assi u jkun marbut li jiddisponi minn dawk l-assi skond min ghandu dritt ghalihom cioe l-kredituri u skond il-gradwazzjoni li tippermetti l-ligi. Dan kollu sabiex jigu protetti l-kredituri kollha indistintament taht il-kappa tal-par condicio creditorum.***

***Ikun ingust u kontra l-principji ta' stralc illi semplicement ghax kreditur ghandu titolu ezekuttiv favur tieghu, jkun jista' juza l-mezzi ta' ezekuzzjoni meta hemm stralc …"***[7]

---

[5]*Salv kawzi ta' preferenza moghtija regolarment qabel l-insolvenza jew (f'kaz partikolari) qabel is-sitt xhur kontemplati fl-artikolu 303. Il-principju jfisser li kredituri fl-istess grad iridu jithallsu proporzjalment u fl-istess hin.*

[6] *Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu 2012. Appell prezentement pendenti.*

[7] *Emfazi mizjuda .*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi tramite l-konsulenti legali taghha fl-Italja, is-socjeta' rikorrenti ntavolat: (i) appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell ta' Ruma mid-decizjoni ta' artbitragg Taljan datata 19 ta' Lulju 2012 a bazi ta' liema ntalab il-hrug ta' mandat de quo, (ii) rikors biex l-ezekuzzjoni ta' l-imsemija decizjoni ta' artbitragg tigi sospiza.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil-mandat bin-numru 1379/12 kontra s-socjeta' rikorrenti jigi ddikjarat null ai termini ta' l-artikolu 222 tal-Kap. 386 u/jew li jitqies li mhuwiex ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh u lanqas m'huwa gustifikabbli, u ghalhekk umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tirrevoka l-imsemmi mandat.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru 2012;

Rat in-nota b'dokumenti annessi tad-9 ta' Novembru 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-Sekwestrant tal-20 ta'Novembru 2012 li tghid hekk:

*" Illi permezz ta' rikors intavolat nhar it-18 ta' Settembru 2012 ts-Sekwestrant talab lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta' sekwestrata ghall-ammont ta' tliet mija, wiehed u tletin elf u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€331,030.22) "in segwitu ta' decizjoni ta' arbitragg Taljan datat 19 ta' Lulju, 2012 liema decizjoni hija ezigwibbli fl-Italja u ghalhekk tista' tigi ddikjarata enforzabbli f'Malta ai termini tar-Regolament numru 44/2001 tal-Unjoni Ewropea";*

*Illi fid-19 ta' Settembru 2012 l-Onorabbli Prim'Awla ghogobha tilqa it-talba, u dan billi kienu "jirrikorru l-elementi mehtiega skond il-ligi";*

*Illi minkejja li fl-20 ta' Settembru 2012 gew notifikati s-sekwestratarji kollha, sal-gurnata tal-llum ma gew depozitati ebda flus fil-Qorti;*

*Illi permezz ta' rikors semplici datat is-7 ta' Novembru 2012 li gie pprezentat fl-atti tas-sekwestru , is-socjeta' sekwestrata talbet:*

*"li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1379/12 kontra s-socjeta' rikorrenti jigi ddikjarat null ai termini ta' l-artikolu 222 tal-Kap. 386 u/jew*

*Li jitqies li mhuwiex ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh u lanqas m'huwa gistifikabbli, u ghalhekk umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tirrevoka l-imsemmi mandat";*

*Illi b'hekk jidher li s-socjeta; sekwestrata qieghda titlob (i) dikjarazzjoni ta' nullita' tal-mandat abbazi tal-artikolu 222 tal-Kap 386 u; (ii) revoka tal-mandat tal-artikolu 836(1)(f);*

*Illi minhabba l-mod kif tpoggiet it-talba, l-esponenti ser jghaddi sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar iz-zewg talbiet seperatament;*

***1.Il-procedura adottata mis-socjeta' sekwestrata mhix dik idonea sabiex l-Onorabbli Qorti taghmel l-analizi necessarja fir-rigward tal-ewwel talba***

*Illi ghal kuntrarju ta' dak li gara fil-kawza bl-ismijiet Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ta' l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone. V. European Insurance Group Limited, citata mis-socjeta' sekwestrata fir-rikors taghha, f'liema kawza l-istess socjeta' sekwestrata attakkat <u>mandat ezekuttiv</u> abbazi tal-artikolu 281 tal-. Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li mandat ezekuttiv jista' jigi attakkat b'rikors ghal kwalunkwe raguni valida fil-ligi (inkluz l-artikolu 222 tal-Kap. 386) <u>mandat kawtelatorju</u> jista' jigi attakkat biss abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap.12 ,*

*liema artikolu jispecifika l-unici ragunijiet li jistghu iwasslu ghal revoka ta' mandat kawtelatorju;*

*Illi fl-ewwel talba taghha is-socjeta' sekwestrata qieghda titlob dikjarazzjoni ta' nullita' abbazi tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 u ghalhekk din it-talba mhix ibbazata fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*Illi ma jirrizulta li tissussisti ebda wahda mir-ragunijiet specifikati fl-artikolu 836, senjament:*

*"(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh;*
*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjonil jew*
*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*
*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed; jew*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi moghtija ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

*Illi minn digriet li jilqa' l-hrug ta' mandat kawtelatorju lanqas jista' jsir appell ai temrini tal-artikolu 229 tal-Kap. 12, billi dan it-tip ta' digriet la hu interlokutorju u lanqas ma hu definittiv, izda jrid bil-fors jintalab il-hrug ta' kontro mandat abbazi tal-artikolu 836, jew fl-alternattiva tinbeda azzjkoni separata ad hoc;*

*Illi dan il-principju gie spjegat fid-dettall mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet* ***Paul Tanti pro et v. Sammy u Joseph Mifsud pro et noe*** *datata 19 ta' Novembru 2001 li kienet tikkoncerna kaz fejn inhareg mandat kontra persuni possibilment zbaljati, liema Qorti*

*kkwotat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Darryl Francis Grima proprio et nomine v. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine** tal-21 ta' Gunju 1988:*

*"Il-gurisprudenza hekk tghallem fir-rigward. Fis-sentenza "Darryl Francis Grima proprio et nomine vs l-Onorevoli Prim Ministru et nomine" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Gunju, 1988 f'kawza li l-mertu taghha kien jirrigwarda mandat ta' inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat:-*

*"Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awwissu 1953 [Kollozz . Vol. XXXVII. i.519) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell, ghat-tielet kategorija appell dirett quddiem il-Qorti m'hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definittiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti. Fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digriet dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dawk ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setghux jitqiesu definittivi "ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huma parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b'citazzjoni ta' l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-Qorti fi grad ta' appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta' vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skond il-ligi." (Vol. XXXVII.i.519, VOL.XXXVIII.i.336, Vol.XLVI.i.24)";*

*Illi għalhekk is-socjeta' sekwestrata kellha għazla li tipprocedi għall-ħrug ta' kontro-mandat ai termini tal-artikolu 836, jew li tattakka d-digriet tal-Onorabbli Qorti billi tagħmel azzjoni separata ad hoc "in kontradittorju tal-kontroparti", u dan kif spjegat l-Onorabbli Qorti fis-sentenza succitata, kif ukoll fis-sentenza* ***Victor Vassallo v. Edwin Bartolo et*** *tas-27 ta' Gunju 2003 li kienet tirigwarda Mandat maħrug minn Qorti inkompetenti:*

*"L-ispedizzjoni tal-mandat ma għandhiex tiġi ritardata ħlief minħabba xi difett fir-rekwiziti ta' forma preskritta mill-liġi, għax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-disposizzjonijiet dwar il-mandat; u għalhekk meta jiġi mitlub il-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u tiġi sollevata l-kwestjoni jekk il-Qorti adita hijiex kompetenti, dak mhux l-istadju li fih tiġi dibattuta l-kwistjoni tal-kompetenza imma kwistjoni simili tista' tiġi nvestita in segwitu għall-mandat kif preskritt mill-liġi jew b'azzjoni ad hoc."*

*Illi din it-tezi giet ikkonfermata ricentement f'digriet tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili datat il-5 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet* ***FourX Limited (C-14286) v. Mediterranean Flower Products Limited (C-2197)****:*

*"Illi llum saret din il-procedura għar-revoka tal-istess Mandat, izda jidher car li din il-procedura ma saritx abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 u fil-fatt imkien fl-istess rikors ma hemm indikat xi dispozizzjoni li fuqha qed tiġi bbazata l-istess talba hemm kontenuta fir-rikors odjern.*

*Illi allura ladarba tali rikors ma sarx taħt id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836 tal-Kap.12, mela allura tali talba tista' ssir biss permezz ta' rikors guramentat ("Paul Tanti proprio et nomine vs. Sammy Mifsud et" (A.C – 19 ta' Novembru 2001); "Darryl Francis Grima proprio et nomine vs. L-Onorevoli Prim Ministru" Q.K. 0-21 ta' Gunju 1988).*

*Illi ma hemmx dubju li hawn l-anqas l-artikolu 229 tal-Kap 12. ma japplika għaliex dawn jittrattaw kollha appelli minn digriet li jingħataw waqt li kawza tkun miexja u fil-atti ta' din il-kawza u fil-kors tal-istess kawza tkun miexja u fil-atti ta' din il-kawza u fil-kors tal-istess kawza certament dan*

*ma huwiex il-kaz odjer tant li r-rikors sar fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-okkju ta' dan ir-rikors ("Victor Vassallo vs. Edwin Bartolo et" (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003).*

*Illi ghalhekk it-talba qed tigi michuda ghaliex din mhix il-procedura idonea";*

*Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti, fil-proceduri adottati mis-socjeta' sekwestrata ma tistax tiddikjara l-mandat "null ai termini tal-artikolu 222 tal-Kap 386";*

*Illi minghajr pregudizzju, jekk l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mas-suespost, izda tkun tal-fehma u l-interpretazzjoni, li s-sekwestrata qieghda tibbaza l-ewwel talba taghha fuq l-artikolu 836(1)(f), l-esponenti jissottometti s-segwenti:*

***2 L-Artikoli 836(1)(f)***

***i. Analizi Prima Facie***

*Illi qabel ma l-espoenti tghaddi ghal diskussjoni tat-talbiet tas-socjeta' sekwestrata, ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-analizi li trid issir meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836;*

*Illi meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 l-analizi taghmel il-Qorti ghandha tkun ristretta ghal wahda prima facie;*

*Illi dan il-principju gie msahhah mill-gurisprusdenza nostrana;*

*Illi fis-sentenza bl-ismijiet* ***Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut*** *datata 5 ta' Gunju 2003, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalghet hekk:*

*"Mid-despozizzjoni tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 (thassir ta' Mandat Kawtelatorju) jidher li l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid*

*taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propjrja.*

*Dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza";*

*Illi fis-sentenza* ***Av. Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services et*** *datata s-26 t'April tas-sena 2002, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili qalghet hekk:*

*"Skond l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk is-sekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant";*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Visa Investments Ltd v. Blye Engineering Co. Ltd*** *datat s-7 ta' Frar 2001 inghad ukoll hekk:*

*"L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet.*

*Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta' rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni... jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza proprja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza proprju fil-kawza*

*nnifisha, u mhux fil-kuntest ta’ rikors ghar-revoka ta’ Mandat Kawtelatorju, ghaliex altrimenti wiehed necessarjement ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li l-Qorti hija tenuta li taddotta”;*

*Illi l-esponenti jissottometti illi, kif jidher mill-argumenti mressqa fir-rikors tas-sekwestrata, l-istudju li s-socjeta’ sekwestrata qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghmel, imur oltre minn analizi prima facie;*

*Illi dan ser jigi spjegat f’aktar dettall aktar l-isfel;*

***ii. Is-subartikolu citat mis-socjeta’ sekwestrata***

*Illi s-socjeta’ sekwestrata qieghda titlob il-hrug ta’ kontro mandat abbazi tas-subartikolu 836(1)(f);*

*Illi dan is-subartikolu jaqra hekk:*

*“jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli”;*

*Illi minn kliem il-ligi johrog car li sabiex jitwarrab mandat abbazi ta’ dan is-subartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat, u li minhabba il-bdil ma jkunx ghadhom jissussisu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat;*

*Illi tant hu hekk li fis-sentenza fl-ismijiet* ***Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea*** *tad-29 ta’ Lulju 2005, l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili , fl-analizi taghha tas-subartikolu 836(1)(f) regghet iccitat il-kundizzjonijiet ghall-hrug ta’ mandat:*

*“Il-htigijiet tal-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista’ tohrog Mandat Kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat ; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-*

*pretensjonji ta' dritt; (c) li tali Mandat jinhareg u jigi ezegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu";*

*Illi din l-interpretazzjoni tas-subartikolu 836(1)(f) giet sostnuta mill-Onorabbli Prim' Awla f'digriet datat is-7 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet FourX Limited (C-14286) v. Mediterranean Flower Products Limited (C-2197):*

*"Illi l-ahhar provediment li s-socjeta' rikorrenti odjerna qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta'Inibizzjoni hija abbazi tal-artikolu 836 (1)(f) cjoe' fis-sens jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li l-istess mandat jinzamm fis-sehh kollu jew in parte jew inkella mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli, izda anke hawn jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti bbazat ruhha fuq l-istess konsiderazzjonijiet u din il-Qorti thoss li dawn bl-ebda mod ma jipprovaw li mid-data minn meta hareg il-Mandat sallum sehhet xi haga sostanzjali li bidlet il-posizzjoni b'mod li dak li gie ritenut mill-Qorti dakinhar tal-hrug tal-mandat ma ghadux applikabbli llum u ghalhekk anke din il-bazi qed tigi michuda."*

*Illi kif diga ntqal il-Qorti li harget il-Mandat in ezami kienet ma' l-esponenti illi dawn il-kundizzjonijet kienu jissussistu;*

*Illi minn dakinhar 'l hawn ma kien hemm ebda bdil fic-cirkostanzi, tant li minghajr bzonn ta' ripetizzjoni, huwa manifest illi l-kundizzjonijiet succitati ghandhom jissussistu sal-gurnata tal-llum;*

*Illi l-Qorti fil-kawza ta'* **Stanley v. Galea** *kompliet tghid hekk:*

*"L-istharrig fil-mertu ma jaghmilx bicca mill-kriterji li fuqhom hija ssejjess il-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura bhal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le, il-pretensjoni tar-ragonevolezza li l-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh minghajr ma ssir indagni fil-mertu;*

*Illi bizzejed jinghad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-intimata ezekutanti*

*m'ghandha tithallas xejn, xorta wahda ma jistax jinghad li l-Mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura , fil-fehma ta' din il-Qorti , il-kwistjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn minn cahda tal-kawzali fil-mertu tal-intimat ezekutant";*

*Illi l-intimata naqset milli turi xi bdil kien hemm fic-cirkostanzi, u naqset ukoll milli tispjega ghalfejn iz-zamma tal-Mandat fis-sehh ma tkunx ragonevoli;*

***3. L-ewwel talba tas-socjeta' sekwestrata***

***i. Analizi Prima Facie***

*Illi l-ewwel talba tas-socjeta' sekwestrata, senjament ghal dikjarazzjoni li mandat ta' sekwestru in esami jigi ddikjarat null ai temini ta' l-artikolu 222 tal-Kap. 386 ma tistax tigi determinata b'sempliciment analizi prima facie;*

*Illi determinazzjoni tal-ewwel talba tas-sekwestrata tirrikjedi analizi profonda tac-cirkostanzi tax-xoljiment tas-sekwestrata, u wara li ssir din l-analizi jkun neccessarju li jsir studju ta' liem regoli tal-Kap.386 japplikaw ghal stralc ordnat taht l-Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings), partikolarment analizi tal-applikabbilta' o meno tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 fil-kaz ta' stralc ordnat mill-**MFSA** ( u mhux mill-Qorti kif jistipola dan l-artikolu);*

*Illi prima facie, l-artikolu 222 tal-Kap. 386 jistipola hekk:*

*"Meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata <u>mill-Qorti</u>, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpanija wara data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null";*

***ii. Analizi tal-ligi***

*Illi sabiex l-esponenti jirribatti ghall-argumenti mressqa mis-sekwestrata jehtieg li ssir diskussjoni tal-ligi li tmuir oltre minn dik prima facie;*

*Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif stralc ordnat mill-MFSA jista' b'xi mod jigi mqabbel ma' stralc mll-Qorti;*

*Illi huwa principju baziku li l-ebda kliem fil-ligi ma ghandu jigi skartat, u dan billi ghandu jigi prezunt li l-kliem uzat fil-ligi jirrifletti l-intenzjoni tal-legizlatur;*

*Illi dan isegwi l-principju bazilari fid-dritt Ruman "Ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit";*

*Illi minn dan wiehed ghandu jifhem li kieku l-legizlatur ried d-dispozizzjoni tal-artikolu 222 taplika ghal stralc ordnat mill-MFSA, il-legizlatur ma kienx jispecifika li din ghandha tapplika biss ghall-stralc mill-Qorti, jew tal-inqas il-legislatur kien jispjega l-intenzjoni tieghu fl-Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) citati mis-sekwestrata u li japplikaw f'dan il-kaz;*

*Illi fir-rikors taghha, is-socjeta' sekwestrata torbot l-artikolu 222 tal-Kap 386 ma' principju iehor, senjament il-principju tal-par condicio creditorum;*

*Illi l-esponenti ma jifihmx kif mandat kawtelatorju , li hu ntiz sabiex jigu depozitati flus tas-sekwestrat fil-Qorti, u b'hekk jigu kkawtelati d-drittijiet tas-sekwestrant (kreditu kkonfemat permezz ta' arbitragg taljan) jista' b'xi mod johloq preferenza jew privilegg fuq kredituri ohrajn;*

*Illi ghalhekk sekwestru kawtelatorju huwa intiz ghall-protezzjoni tal-kreditur u mhux l-oppost, billi jipprevjenu li jigu sprekati flus mid-debitur, liema flus jistghu jintuzaw sabiex jgu sodisfatti l-kredituri tad-debitur;*

*Illi huwa proprju ghalhekk li jezisti l-process ta' 'Konkors tal-Kredituri' (artikolu 416 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ) meta jkun hemm iktar minn kreditur wiehed li jkollu pretensjoni fuq flus depozitati l-Qorti:*

*"416(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor jew qabilhom , jew xi interess iehor, il-Qorti fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li f'gazzetta wahda jew izjed fosthom f'kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depozitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull minnjista' jkollu interess sabiex igib 'il quddiem il-jeddijiet tiegjhu fi zmien xahar";*

*Illi ghalhekk huwa ta' vantagg, u mhux ta' pregudizzju, ghall-kredituri li l-flus ta' socjeta' li ghandha diversi kredituri , jigu depozitati gewwa l-Qorti;*

***4. It-tieni talba tas-socjeta sekwestrata***

***i. Analizi Prima Facie***

*Illi prima facie is-sekwestrant huwa kreditur tas-socjeta' sekwestrata fl-ammont ta' tliet mija wiehed u tletin elf u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€331,030.22);*

*Illi prima facie l-kreditu tas-sekwestrant gie konfermat f'decizjoni tal-arbitragg Taljan datata d-19 ta' Lulju 2012;*

*Illi prima facie d-decizjoni tal-arbitragg Taljan hija ezegwibbli fl-Italja u ghalhekk tista' tigi ddikjarata ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolament 44/2002 tal-Unjoni Ewropea;*

*Illi fid-19 ta' Settembru 2012 l-Onorabli Qorti Prim' Awla ddikjarat illi "jirrikorru l-elementi mehtiega skond il-ligi";*

*Illi ghalhekk, prima facie, il-mandat kawtelatorju hu mehtieg sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet tal-esponenti;*

*Illi analizi tad-decizjoni Taljana u tal-ezegwibilita' ta' din id-decizjoni f'Malta tista' ssir biss fil-kawza fil-mertu;*

### *ii. Ma kien hemm bdil fic-cirkostanzi*

*Illi l-esponenti jsostni li ma kien hemm bdil fic-cirkostanzi tal-kaz minn dakinhar li l-Qorti ordnat il-hrug tal-mandat;*

*Illi ghalhekk ghandhom jississistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju kif iddecidiet din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Settembru 2012;*

*Illi sekwestrata semmiet illi hija ntavolat appell gewwa Ruma mid-decizjoni tal-arbitragg Taljan datata d-19 ta' Lulju 2012, u li ntavolat ukoll rikors ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni l-imsemmija decizjoni;*

*Illi minkejja li s-socjeta' sekwestrata pprezentat nota ulterjuri b' hames annessi, dwar ir-rikors ghas-sospensjoni, s-socjeta' sekwestrata ma ressqet ebda prova, u billi sar rikors ghas-sospensjoni, ma nafux jekk dan ir-rikors intlaqghax;*

*Illi anke li kieku dan ir-rikors gie milqugh, ikun mehtieg li ssir diskussjoni dwar il-ligi procedurali Taljana u b'hekk zgur li mhux bizzejjed li ssir analizi prima facie;*

*Illi l-esponent mhux edott mill-ligi procedurali Taljana u ghalhekk ma jistax jiddefendi ruhu f'dan ir-rigward;*

*Illi ai termini tar-Regolament numru 44/2001 tal-Unjoni Ewropea diskussjoni dwar dan lanqas biss tista' ssir il-kawza fil-mertu, li fiha mistenni li tigi dikjarata ezegwibbli f'Malta id-decizjoni tal-Arbitragg Taljan, izda tista ssir biss f'Appell mid-decizjoni fil-mertu;*

*Illi in vista ta' dan zgur li ma tistax issir diskussjoni simili fil-proceduri odjerni u minghajr ebda dubju analizi bhal din ukoll, tmur oltre prima facie;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors tas-socjeta' sekwestrata intavolat nhar is-7 ta' Novembru 2012.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru li bih il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-28 ta' Novembru;

Rat in-nota b'dokumenti ezebiti ta' Brian Tonna bhala stralcjarju ta' European Insurance Group Limited tat-28 ta' Novembru 2012;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi din hi talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju a bazi tal-Artikolu 222 Kap386 u Artikolu 836(l)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-mandat inhareg fuq talba tal-istralcjarju tas-societa European Insurance Group . It-talba ghar-revoka hi bazata fuq il-kawzali li l-Mandat hu null ai termini tal- Art.222 Kap 386 u li fic-cirkostanzi, m'huwiex ragionevoli li l-istess att kawtelatorju jew parti minnu jinzamm fis-sehh, jew ghax mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jisejsu kawzi dwar Revoka ta’ Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta’ kawzi dwar revoka ta’Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza **“Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et”** PA (GC) tas-26 t`April 2002 intqal hekk:-

*“Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista’ jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx ‘prima facie’ gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed ‘prima facie’.”*

Illi fid-digriet **“Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et”** (P.A. (RCP) 10 ta’ Mejju 2001 u **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001 inghad ukoll *“li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ ‘prima facie’, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn ‘si tratta’ dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **“Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002) inghad:-

*“Illi fil-fatt jista’ jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f’din il-procedura huwa biss sabiex tezamina ‘prima facie’ jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta’ Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. (**“P.J. Sutters Company Limited vs***

***Concept Limited"*** *– P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001;* ***"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".*

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" **–** P.A. (RCP) tat-30 ta ` Mejju 2002) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" **–** P.A. (TM) tas-16 ta` Settembru 2002).

Illi fil-kawzi **"Mercieca Vincent vs Galea George"** P.A. (RCP) kif ukoll **"John Zarb vs Port Cottonera Ltd"** – P.A. (TM) tat-18 ta` Settembru 2002) u **"Visual & Sound Communications Ltd vs Mario Camilleri et"** PA (RCP) tat-28 ta` Frar 2002) intqal hekk:-

***"Ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll illi l-ligi hija soggetta ghal diversi nterpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom".***

Is-sekwestru meritu ta' dan ir-rikors huwa sekwestru kawtelatorju, mhux wiehed ezekuttiv, u il-Qorti taghraf illi huma pertinenti parti kbira mis-sottomissjonijiet kontenuti fl-ewwel parti tan-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata cioe' dawk indikati f'pagna 17 u 18 u l-ewwel parti ta' 19 tal-process ghal dak illi jirrigwarda Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv .

Dak illi donnu l-attur ma rrealizzax hu li l-Artikolu 846 (3) tal-Kap. 12 jirrendi applikabbli l-Artikolu 281 tal-Kap.12 ukoll ghal Mandati ta' Sekwestri Kawtelatorji.

Illi ghaldaqstant Mandat ta' Qbid Kawtelatorju jista' jigi impunjat "***for any reason valid at law***" (Artikolu 281 tal-Kap. 12).

Illi din il-Qorti a skans ta’ repetizzjoni tafferma dak kollu illi gie ritenut. fis-sentenzi **Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ta’ l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone vs European Insurance Group Limited** deciza fis-16 ta’ Marzu 2012 u konfermata **mill-Qorti tal-Appell** , tad-9 ta’ Novembru 2012, u fis-sentenza **Avukat Dr Michael Zammit Maempel bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti minn Malta Cassone Sabrina vs European Insurance Group Limited** deciza fil-25 ta’ Jannar 2013 **mill-Qorti tal-Appell** u ghall-istess ragunijiet taghraf illi l-Mandat meritu tar-rikors odjern huwa *prima facie* null skond il-ligi.

Apparti dan kollu din il-Qorti hija tal–fehma illi l-istess Mandat Kawtelatorju jista’ jigi impunjat taht l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.

Sabiex isir dan l-analizi, din il-Qorti trid tibda bl-ezami tal-Artikolu 222 tal-Kap 386 jiddisponi:

***“222. Meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawtelatorju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta’ inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, ikun null.”***

Fil-kaz in ezami, mix-xhieda dokumentari jirrizulta illi gie ordnat l-istralc tas-socjeta’ *European Insurance Group Limited* mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta (*MFSA*) ai termini ta’ 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assikurazzjoni (Kap. 403) u gie innominat ir-rikorrenti Brian Tonna bhala stralcjarju (Vide DOK. EIG1 a fol 5). Illi skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolamenti dwar *Insurance Business* u cioe *Legal Notice* 208 tal-2004, ir-Regoli tal-***Companies Act*** jirregola l-istralc ordnat mill-*MFSA*.

Illi il-fatt illi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 ma jispecifikax cirkostanzi indikati jew mahsuba fl-Artikolu 222 tal-Kap. 386 qalb is-subincizi tieghu, ma jabbrogax din il-ligi specjali (Kap. 403 ) jew il-Ligi sussidjarja emanenti minnu, u dan fuq il-principju kardinali tal-*lex specialis derogat lex generalis*. (vide P.A. **HSBC Bank Malta plc *vs***

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Direttur tar-Registru Pubbliku u Lapsi Holdings Limited, u b`digriet tas-17 ta` Marzu 2006 APS Bank Limited (C2192), Bank of Valletta Plc (C2833), Lombard Bank Malta plc (C1607) u Volksbank Malta** (JZM) tat-8 ta' Novembru 2011, kif ukoll P.A. **John Farrugia Vs Anthony Spiteri** (NA) tas-27 t'April 2001

Illi infatti l-istess Artikolu 836(1) jibda bil-kliem testwali ***"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra…"***, tant mhuwiex eskluz fil-hsieb tal-legislatur illi jaghti fakolta ghal talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru taht ligijiet varji tal-pajjiz.

Illi apparti dana kollu din il-Qorti hija tal-fehma illi Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 huwa dak illi hu mahsub bhala l-*umbrella clause* u jikkomprendi fih innifsu, termini aktar ampji minn dawk is-subincizi li jippreceduh.

Infatti l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi :

***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet latt kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) Sa (e) Omissis***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."***

Fi kliem iehor taht dan is-subinciz, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soggett ghar-revoka fejn:

i. Cirkostanzi ma jkunux ragonevoli;
ii. L-Mandat ma jkunx aktar neccesarju ; jew
iii. M'huwiex aktar gustifikabbli .

Fil-kaz in ezami s-socjeta' intimata, sostniet illi dawn ic-cirkostanzi iridu javveraw ruhhom minn data antecedenti ghal intavolar tal-Mandat de quo u li jipprecedu r-rikors ghal talba tar-revoka. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament , u dan mhux biss minhabba l-fatt li Mandat Kawtelatorju jinhareg fuq ir-responsabilita' ta' min jintavolah, **izda il ghaliex jidher li, mal-atti ghat-talba tal-hrug ta' mandat, ma giex indikat illi is-socjeta' intimata kienet qedgha fi stralc**, izda sempliciment giet ezebita sentenza tal-Qorti estera. Din il-Qorti tifhem illi kwalunkwe fattur mhux migjuba a konjizzjoni tal-Qorti li ordnat il-hrug ta' Sekwestru originali jista' jkun meritu tar-rikonsiderazzjoni *prima facie* li din il-Qorti tista'taghmel ai termini ta' Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.

Irid jinghad illi l-Artikolu 222 huwa intiz sabiex jassigura li f'certu kazijiet, fost ohrajn, kazijiet ta' insolvenza, jithallsu l-interessi tal-kredituri kollha minghajr ebda preferenza u /jew diskriminazzjoni u dana biex jigi zgurat *par condicio creditorum*.

Jista' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, li jidher *prima facie* null skond il-ligi specjali (Art. 222 tal-Kap.386, u Artikolu 28(1) tal-Kap. 403 u Artikolu 10(2) tal-L.N.208 tal-2004) qatt jigi dikjarat "**ragonevoli** " mill-Qrati tal-Gustizzja? Zgur li le.

Bl-istess mod, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li jidher prima facie null taht ligi specjali (Ibid) ma jista' qatt jigi dikjarat **"gustifikabbli"** mill-Qrati taghna.

Ikun ingust u kontra l-principji tal-istralc illi, sempliciment ghax il-kreditur ghandu titolu kawtelatorju favur tieghu,

jista' juza' l-istess, meta jkun hemm pendenti proceduri ta' stralc.

Illi di piu, din il-Qorti tinstab konfortata bis-sentenza **Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ta' l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone vs European Insurance Group Limited** deciza fis-16 ta' Marzu 2012 u konfermata **mill-Qorti tal-Appell** fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2012, ghal dak li gie ritenut dwar l-applikabilita tal-Artikolu 222 tal-Kap. 386 (stralc ordnat mill-Qorti ghal stralc ordnat mill-*MFSA*, illi bis-sahha ta' 10 (2) tal-Avviz Legali 208/2004 jaghmel applikabbli id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 386 minghajr distinzjoni) . Vide ukoll **Avukat Dr Michael Zammit Maempel bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti minn Malta Cassone Sabrina vs European Insurance Group Limited** deciza fil-25 ta' Jannar 2013 **mill-Qorti tal-Appell** .

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' it-talba tar-rikorrenti Brian Tonna bhala stralcjarju ta' European Insurance Group Limited, u tordna it-thassir tal-Mandat ta'
Sekwestru Kawtelatorju 1379/12 bl-ispejjez kontra l-intimat bhala mandatarju specjali ghal Giovanni Sidoti karta tal-identita AS 0368168.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------